# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 67/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Yoana Abella Sanz**
**Clayton Delia**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tal-akkużata ossia r-rikorrenti **Yoana Abella Sanz** (detentriċi tal-Karta tal-Identita' Spanjola bin-Numru 50124126(L) u detentriċi tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 69682(A)) (*a fol.* 35 *et seq.*) ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2025 fejn talbet is-segwenti:

"*(i) Tisma' lid-difensur tagħha sabiex is-suespost jiġi spjegat f'iktar dettall, u*

*(ii) fit-termini tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (2A) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza msemmija, tordna li hija tiġi ġġudikata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati."*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2025 fejn ordnat in-notifika tar-Rikors promutur lill-Avukat Ġenerali li ngħata żmien sabiex jippreżenta r-Risposta tiegħu.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali fejn oġġezzjona għat-talba kontenuta fir-Rikors promotur sabiex ir-rikorrenti tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet, fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025, lill-konsulent legali tar-rikorrenti u lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jinfurmaw lil din il-Qorti li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li din il-Qorti kif preseduta tipproċedi bis-smigħ tar-Rikors promutur u dana stante li l-Ġudikant li qed jippresjedi din il-Qorti kien għal żmien twil wieħed mill-Maġistrati li mexxa l-kumpilazzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qabel ġie elevat għall-Imħallef.

Semgħet, fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025, is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-Rikors promutur ir-rikorrenti Yoana Abella Sanz titlob, fost l-oħrajn, lil din il-Qorti sabiex tordna illi l-każ tagħha jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan *ai termini* ta' Artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija targumenta li l-ammont ta' droga misjub huwa ta' tliet (300) mitt gramma liema ammont jistħoqqlu li f'każ ta' sejbien ta' ħtija jkollu applikabbli għalih il-piena quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Hija tirreferi għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ukoll għal provvediment mogħti minn

din il-Qorti diversament preseduta. Fil-provvediment appena msemmi, ir-rikorrenti tisħaq li anke b'ammonti akbar ta' droga, din il-Qorti diversament preseduta ddeċidiet li l-ammont ta' droga huwa biss indikattiv u li l-linji gwida ma kellhomx iservu bħala proċess aritmetiku. Di piu' jiġi indikat li l-każ irid jiġi evalwat b'mod ħolistiku. B'analoġija ma' dak ċitat mir-rikorrenti, hija targumenta li stante f'każ ta' nofs kilo erojina, li hija sustanza li ġġib ħerba fis-soċjeta', din il-Qorti diversament preseduta qieset li l-każ kellu jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati, b'hekk l-istess għandu japplika għal każ odjern. Ir-rikorrenti tkompli li f'dan il-każ il-gwadann li kellha taqla' kien limitat għas-somma ta' madwar elf u ħames mitt Euro (€1,500). Tisħaq li r-rwol tagħha ma kienx ta' organizzazzjoni dwar xiri jew il-bejgħ ta' droga u ma jistax jingħad li kellha rwol prinċipali. Tgħid li r-rwol tagħha jista' jitqies bħala rwol żgħir. Tispiċċa billi tgħid li l-ko-operazzjoni offert minnha kien importanti sabiex iċ-ċirku tad-droga jiġi distrutt.

Illi l-Avukat Ġenerali jopponi għat-talba tar-rikorrenti Abella Sanz sabiex hija tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati minflok minn din il-Qorti. Jargumenta li mill-fatti tal-każ jirriżulta li allegatament ir-rikorrenti kienet involuta fi pjan biex jiġu traffikati tletin (30) kapsola kontinenti kokajina tant li ċertu Orazio Grixti kien kellem lill-ko-akkużat Clayton Delia biex jara jekk kellux tletin (30) kapsola kif kienet talbitu terza persuna. Jisħaq li r-rikorrenti Abella Sanz kellha fil-pussess tagħha għaxar (10) kapsoli u għamlet kuntatt ma' terza persuna sabiex iġibilha għoxrin (20) kapsola oħra sabiex tkun tista' tbiegħ it-tletin (30) kapsola lil Orazio Grixti. Jgħid li tramite l-ko-akkużat Clayton Delia, sar il-ftehim li Orazio Grixti kellu jmur ġewwa r-residenza tar-rikorrenti f'ċertu data u f'ċertu ħin kif ukoll sar il-ftehim għal bejgħ ta' tletin (30) kapsola għal prezz ta' tlettax-il elf u ħames mitt Euro (€13,500). Jgħid li fuq il-persuna tar-rikorrenti nstabu għaxar (10) kapsoli kontenenti s-sustanza kokajina b'piż ta' 95.24 grammi mentri fuq il-persuna ta' terzi li ġie arrestat fir-residenza tar-rikorrenti nstabu għoxrin (20) kapsola oħra li kienu ntiżi għar-rikorrenti, kontenenti s-sustanza kokajina b'piż ta' 189.06 grammi. Jisħaq li l-piż ta' dawn it-tletin (30) kapsola msemmija jammontaw

għal 284.3 grammi kokajina b'purita' ta' ċirka 28%. Jargumenta li r-rikorrenti kellha rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat minħabba li meta rat li ma kellhiex tletin (30) kapsola, kienet hi li ċemplet u ordnat lil terzi sabiex iġibilha iktar kapsoli għal fini ta' bejgħ tal-istess kapsoli lil Orazio Grixti. Jgħid li fl-istqarrija tagħha, ir-rikorrenti tgħid li kien hemm okkażjonijiet oħra meta kienet tbiegħ id-droga. Jgħid ukoll li għalkemm huwa minnu li l-linji gwida tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huma biss indikattivi u mhux eżawrjenti, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-ammont ta' kokajina jmur oltre l-mitejn (200) gramma msemmija fl-Iskeda in kwistjoni. Jargumenta li l-ħsara kemm fattwali kif ukoll potenzjali kkważata mir-reat għandha tkun il-kunsiderazzjoni prinċipali ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali u jekk tinstab ħatja teħel, għal kull reat
>
> […]."

Illi permezz tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġew stabbiliti linji gwida dwar kif l-Avukat Ġenerali għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu meta din tkun marbuta ma' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess linji gwida jistabbilixxu s-segwenti:

> "Linji gwida għall-użu ta' diskrezzjoni
>
> Dawn il-linji gwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar.

Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.

Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.

Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.

F'dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;

- li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;

- li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;

- li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;

- li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;

- li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;

- li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;

- li l-akkużat kien motivat bil-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;

- li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;

- li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt id-direzzjoni ta' oħrajn;

- li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;

- li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;

- li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;

- li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;

- li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;

- li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali.

Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu*:

- in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;

- kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;

- l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;

- il-purità għolja tad-droga;

- li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;

- li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.

L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:

herojina u kokajina: inqas minn 200 gramma
*cannabis*: inqas minn kilo.

Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa."

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrenti Yoana Abella Sanz tressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-24 ta' Frar 2012 fejn ġiet mixlija b'numru ta' imputazzjonijiet b'dan illi permezz ta' Att ta' Akkuża bin-Numru 67/2024 ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2024 hija ġiet akkużata b'erba' kapi. Għal kull buon fini jingħad li flimkien mar-rikorrenti Abella Sanz, ġie akkużat ukoll Clayton Delia li ġie akkużat bl-istess l-ewwel żewġ kapi li r-rikorrenti Abella Sanz ġiet akkużata. Fl-Att ta' Akkuża msemmi, ir-rikorrenti Abella Sanz ġiet akkużata bis-segwenti:

- b'assoċjazzjoni sabiex tiġi ttraffikata d-droga kokajina;

- bi traffikar tad-droga kokajina;

- b'pussess aggravat tad-droga kokajina u
- b'pussess sempliċi tad-droga kokajina.

Illi jirriżulta li fit-22 ta' Frar 2012 il-Pulizija kienet qegħda tosserva fond li jinsab iż-Żejtun fejn irriżulta li kienu jgħixu l-akkużati Delia u Abella Sanz b'dan illi għall-ħabta tas-6.30pm, il-Pulizija osservat persuna dieħla ġo din ir-residenza, li wara rriżulta li kien ċertu Orazio Grixti. Jirriżulta wkoll li l-Pulizija kompliet tosserva u għal ħabta tas-7.20pm, lemħet persuna oħra tasal bit-*taxi* li wara rriżulta li kien ċertu Julio Cesar Valerio Polanco. Jingħad li fil-mument li dan Polanco deher jersaq lejn ir-residenza in kwistjoni, deher ukoll l-akkużat Delia jiftaħ il-bieb tar-residenza u jidħol lura flimkien ma' Polanco. F'dak il-mument il-Pulizija waqqfu lil dawn iż-żewġ persuni u daħlu magħhom fir-residenza fejn irriżulta li kien hemm ir-rikorrenti Abella Sanz u Orazio Grixti. Il-Pulizija għamlu tfittxija u fuq il-persuna tar-rikorrenti Abella Sanz sabu għaxar (10) kapsoli li rriżulta li kienu mimlija bis-sustanza illeċita kokajina. Fuq il-persuna ta' Polanco nstabu għoxrin (20) kapsola oħra u dan ta' l-aħħar stqarr li fil-lukanda fejn kien qiegħed kien hemm tmintax (18) il-kapsola oħra. Il-Pulizija sabu nofs kapsola oħra fuq il-mejda u nofs oħra ġo tazza biex b'hekk b'kollox instabu disgħa u erbgħin (49) kapsola.

Illi mix-xiehda mogħtija fid-19 ta' April 2012 mix-Xjenzat Godwin Sammut (Vol. I: *a fol.* 97) jirriżulta li ġew elevati tmienja u erbgħin (48) kapsola u trab ta' lewn abjad li fih instabet is-sustanza kokajina b'piż ta' 465.62 grammi u b'purita' ta' 28%. Skont l-espert il-valur tal-kokajina in kwistjoni kien dak ta' €37,249.60. Fir-rapport (Dok. "GS" – *Loose Envelope*), ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> "1. Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 052_12_01, 052_12_02, 052_12_03, 052_12_04, 052_12_06 u 052_12_07 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 465.62 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata

bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Skont il-*Malta National Report 2008-2010* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €80. Il-piż total tal-Kokaina huwa ta' 465.62 grammi li jagħti valur ta' €37,249.60."

Illi dwar il-kwistjoni tal-kwantita' ta' droga misjuba, din il-Qorti tagħmel riferenza għal digriet mogħti fl-10 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** (Numru 10/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

"B'referenza għal-linji gwida suċitati, din il-Qorti tisħaq illi dawn huma biss indikattivi u mhux eżawrjenti. Hawn hekk tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Magri**[1] fejn ġie ritenut is-segwenti:

*Meta l-liġi tgħid illi ammont ta' erojina ta' anqas minn mitt gramma huwa "**indikattiv**" illi persuna m'għandhiex tkun ġudikata mill-Qorti Kriminali **ma jfissirx awtomatikament illi kwalunkwe ammont għola minn mitt gramma bilfors trid tiġi quddiem il-Qorti Kriminali. Dawn il-linji gwida huma biss punt ta' tluq u m'għandhomx iservu esklussivament bħala proċess aritmetiku**. F'każ deċiż mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales fit-3 ta' April 2012 fl-isem "**Regina versus Christiana Boakye et**" (EWCA Crim. 838) il-Qorti qalet, "**the quantities of drug which are listed under the categories of harm in the new guideline is deliberately described as 'indicative quantity of drug upon which the starting point is based.' They are not thresholds at which the sentencing range changes. They could not be if the starting***

[1] "Deċiż mill-Qorti Kriminali nhar it-2 t' Ottubru, 2014."

> ***point, which by definition is a mid range of sentence, is to be based upon it. In other words, the weights which determine categories are not thresholds; they are indications of the general region of weight which goes into the relevant category****. It is not exclusively an arithmetical process.""*

Illi applikat dak li ġie ċitat hawn fuq għal każ odjern, din il-Qorti tinnota li mid-data tal-provvediment appena ċitat, l-ammont ta' droga li kien inkluż fil-linji gwida żdied għal mitejn (200) gramma. Minkejja dan, l-ammont ta' droga li kien involut f'dan il-każ li dwaru qed jingħata dan il-provvediment, bħala stat ta' fatt, xorta jaqbeż dan l-ammont. Tajjeb wieħed jifhem li minkejja li l-ammont indikat fir-Raba' Skeda ma huwiex tassattiv, huwa lanqas huwa intiż sabiex b'xi mod jiskuża t-traffikar ta' droga. Tali prattika hija illegali u ma għandhiex tiġi b'xi mod tollerata speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-ħsara li din tagħmel lit-tessut soċjali u t-tbatija li ġġib magħha. Ma' dan tajjeb wieħed jifhem ukoll li, skont il-linji gwida, l-ammont ta' droga mhux l-uniku element li jrid jittieħed in konsiderazzjoni.

Illi rigward ir-rwol tar-rikorrenti Abella Sanz, din il-Qorti tinnota li fl-iStqarrija Ġuramentata tiegħu tat-23 ta' Frar 2012, ix-xhud Orazio Grixti qal hekk (Vol. I: *a fol.* 52 *et seq.*):

> "Clayton għax naħdmu flimkien, jiena bit-trakkijiet u hu jarma x-*shutter* u hekk. Iltqajt magħha ilu ftit, xi 4 snin ilu kont naħdem Paceville imma "saħħa" u "bonġu" u fil-fatt hi għarfitni, fil-Milied iltqajna l-ewwel darba erġajna u qaltli *"you remember me?"*. Imbagħad kien qalli Clayton "*jekk tkun taf lil xi ħadd li jkun irid xi xogħol*", għedtlu *"x-xogħol huwa?"*, qalli *"mhux coke"*, qalli *"għidli għax it-tfajla tiegħi jkollha"* u għedtlu *"iva, mhux xorta"*. Il-bieraħ kien hemm wieħed u qalli *"taf lil xi ħadd ibiegħli?"*, u għedtlu *"iva"* jiena, fthemna l-ħin x'ħin niltaqgħu, dak kollox, ma kontx se naqla xejn: just kemm jiġi wieħed, jiġi l-ieħor u nitlaq lejn id-dar jiena u daħlu l-Pulizija."

Illi minn dan jirriżulta li s-sors prinċipali tad-droga kienet ir-rikorrenti. Dan ġie kkonfermat minn dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Victor Aquilina fit-13 ta' Marzu 2012 meta xehed hekk (Vol. I: *a fol.* 57):

> "Fil-fatt ġor-residenza bħal ma għidt qabel kien hemm Yoana Abella Sanz kif ukoll Orazio Grixti. Saret tfittxija minnufih fuq Yoana Abella Sanz u fuq il-persuna tagħha nstabu għaxar (10) kapsoli kontinenti sustanza bajda suspettata droga. Fuq il-mejda quddiemha kien hemm nofs kapsola oħra li kienet mgeżwra fit-*tissue*, filwaqt li ġo tazza tal-ħġieġ li kienet tinsab ġo *cupboard* ġo l-istess kamra, peress li dan kien *open-plan* fejn hemm kċina, kamra tal-pranzu u kamra tat-televiżjoni nstabet in-nofs kapsola oħra."

Illi stante li d-droga kienet fuq il-persuna tar-rikorrenti, ir-rwol tagħha f'din it-transazzjoni hija ċara ferm. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li waqt l-istqarrija mogħtija minnha fit-23 ta' Frar 2012 (Dok. "VA 5": Vol. I – *a fol.* 72 *et seq.*) ir-rikorrenti Abella Sanz tispjega kif, skont hija, kienet ser isseħħ it-transazzjoni. Fl-istqarrija tagħha jirriżulta s-segwenti (Vol. I: *a fol.* 73):

> "M.: Il-bieraħ 22/02/2012, il-Pulizija ġew id-dar fejn qed tgħix dan l-aħħar u ċioè il-Kikkra, Triq il-Labour, Żejtun u meta daħlu sabu lilek u l-bintek ta' tliet snin flimkien ma' tliet persuni oħra. Tista' tgħidilna min huma dawn in-nies u x'kontu qed tagħmlu?
>
> T.: Dawn il-persuni huma l-*boyfriend* tiegħi li jismu Clayton, Orazio u Julio li huwa Dominican. Iltqajna hemmhekk għax konna qegħdin nistennew il-Julio li kien ġej bi droga kokajina, kien ser jieħu l-għaxar kapsuli li kont qed inżomm lil Julio stess u kellhom imorru jiltaqgħu ma' persuna oħra li kien jaf Orazio sabiex jagħtuh 30 kapsola. Qabel dan kollu jien kont ser nagħtihom lura lil Julio iżda minħabba t-*traffic* għidtlu sabiex jiġi huwa b'*taxi* u jiġborhom u dak il-ħin li kont

> fuq it-telefon ma' Julio, jien għaddejtu mal-*boyfriend* tiegħi sabiex jispjega lil tat-*taxi* fejn għandu jiġi, imma Clayton ma tkellimx ma' Julio. Fid-dar tiegħi la ħadt ma kien ser jixtri u lanqas ibiegħ. Fil-fatt flus ma sibtu xejn.
>
> M.: Allura spjegali eżatt kif sar il-ftehim u min għamlu sabiex jinbiegħu t-tletin kapsola bi droga kokajina?
>
> T.: Orazio kien ċempel ħafna drabi lil Clayton u jsaqsieh meta l-ħabib tiegħi kien ser ikollu d-droga kokajina. Kien hemm drabi li Clayton kien jiddejjaq u jaqta' it-telefon. Qalli li Orazio ried 300 grams ta' kokajina biex jgħaddiha l-persuna oħra. Clayton kemm il-darba qal lil Orazio biex iħallih bi kwietu iżda Orazio kien jippreżenta ruħu d-dar tiegħi. Il-bieraħ filgħodu Clayton ċempilli u qalli li Orazio kien ried it-tliet mitt grammi u forsi aktar. Lid-Domenikan u ċioè Julio, jien kont diġà kellimtu qabel, li kien hemm persuna li ried jixtri 300 gramma. Fil-fatt Julio kien qalli li għandu 200 gramma mal-100 gramma l-oħra li kelli u jagħtih dawk."

Illi din il-Qorti għandha r-riżervi tagħha fuq dak li ngħad mir-rikorrenti Abella Sanz u li ġie ċitat hawn fuq speċjalment meta tgħid li ma kienx ser isir il-bejgħ tad-droga fid-dar tagħha. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li jekk ir-rikorrenti kienet sejra biss tgħaddi d-droga lil Julio Cesar Valerio Polanco ma kienx ikun hemm ħtieġa li jkollha kapsola miftuħa sabiex turi kif kienet ser tkun id-droga. Għalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti hija tal-fehma li sal-mument tal-istqarrija r-rikorrenti ma kinitx qed tikkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija.

Illi r-rikorrenti tisħaq li hija għandha tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati in vista ta' kawżi preċedenti. Dwar dan din il-Qorti tirrimarka li l-paraguni huma odjużi u li kull każ għandu n-natura u l-kwistjonijiet partikolari tiegħu. Għalhekk wieħed ma jistax iserraħ unikament fuq dak li qalu l-Qrati tagħna f'każijiet oħra.

Illi dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti ngħad minħabba l-fatt li mill-istess stqarrija rilaxxata mir-rikorrenti jirriżulta li hija kellha kuntatt mill-qrib mas-sors tad-droga. Di fatti hija ssemmi li kellha d-dettalji ta' dak il-persuna li kienu allegatament insterqulu b'kilo kokajina mill-*boyfriend* preċedenti tagħha. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li d-droga in kwistjoni tiġi minn Spanja. Dan huwa punt li juri ċertu sofistikazzjoni minħabba li sabiex tibgħat id-droga minn Spanja mhux xi ħaġa sempliċi. Din il-Qorti tgħid dan stante li wieħed għandu jikkunsidra li l-ammonti nvoluti huma ta' numru ta' kapsuli u mhux xi borża b'nofs gramma. Minn dan isegwi li r-rikorrenti Abella Sanz kellha konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-droga u li l-importazzjoni ta' din id-droga kienet tinvolvi ċertu sofistikazzjoni.

Illi r-rikorrenti tgħid li xogħolha huwa biss li tlaqqa' n-nies. Fil-fehma ta' din il-Qorti qliegħ ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal dan il-għan xorta jikkwalifika bħala qliegħ konsiderevoli. Din il-Qorti tgħid dan anke minħabba l-fatt li r-reat allegatament seħħ fis-sena 2012 u ċioè aktar minn għaxar snin ilu. Għalhekk wieħed ma jistax jgħid li dan il-qliegħ mhuwiex sostanzjali tenut kont tal-fatt li allegatament r-rikorrenti qed tgħid li ma kinitx ser tbiegħ id-droga hija. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti mhux qed tgħid li r-rikorrenti qed tgħid il-verita f'dan ir-rigward iżda qed tikkonstata biss fatt li s-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) sabiex tgħaddi għaxar kapsoli kokajina mhuwiex ammont indifferenti.

Illi apparti dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad ukoll li jirriżulta li r-rikorrenti kellha rwol maniġerjali f'din it-transazzjoni minħabba li kienet hija li tkellmet ma' Julio Cesar Valerio Polanco sabiex l-ammont ta' droga neċessarju jiġi reperit. Magħdud ma' dan, din il-Qorti poġġiet il-fatt li d-droga in kwistjoni kellha purita' ta' 28%. Dan huwa livell ta' purita li din il-Qorti tqis huwa relattivament għoli anke għaż-żminijiet meta seħħ ir-reat.

Illi minkejja li r-rikorrenti Abella Sanz tgħid li hija kkollaborat bis-sħiħ mal-Pulizija sabiex jiġi mikxuf iċ-ċirku tad-droga, iżda din il-

Qorti ma sabet xejn rigward dan fl-atti proċesswali. Minbarra dan, jidher li mar-rikorrenti kien hemm tifla hekk kif jirriżulta mix-xiehda ta' PC 857 John Laferla mogħtija fil-31 ta' Mejju 2012 (Vol. I: *a fol.* 129 *et seq.*). Dan huwa punt ieħor li jaggrava s-sitwazzjoni tar-rikorrenti.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li t-talba tar-rikorrenti Yoana Abella Sanz sabiex hija tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati għandha tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba tar-rikorrenti Yoana Abella Sanz u dana stante li din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025;

- tiċħad it-tieni (2) talba tar-rikorrenti Yoana Abella Sanz hekk kif kontenuta fir-Rikors tagħha ppreżentat fid-29 ta' Mejju 2025 bil-konsegwenza li l-imsemmija Yoana Abella Sanz għandha tiġi ġudikata mill-Qorti Kriminali.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**